

II

(Attie mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1790****tal-5 ta' Ottubru 2021**

dwar l-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew (¹),

Billi:

- (1) B'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/608 (²), il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru ("il-Ftehim") ġie ffirmat fil-25 ta' Ġunju 2020, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.
- (2) L-għan tal-Ftehim huwa li l-ftehimiet bilaterali dwar servizzi tal-ajru bejn diversi Stati Membri u r-Repubblika tal-Korea jiġu jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni.
- (3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni (³).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim (⁴).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

(¹) Approvazzjoni tal-15 ta' Settembru 2021 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/608 of 24 ta' April 2020 dwar l-iffirnar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (ĠUL 142, 5.5.2020, p. 1).

(³) Ara paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(⁴) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-5 ta' Ottubru 2021.

*Għall-Kunsill
Il-President
A. ŠIRCEJ*
